

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Apostolos TZITZIKOSTAS****It-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Jien Gvernatur Reġjonali, eks Membru Parlamentari, eks President, u attwalment l-ewwel Viċi President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Fuq kollox, jien favur ħafna tal-Ewropa.

Inħossni onorat li qed niġi fdat bil-portafoll tat-trasport sostenibbli u tat-turiżmu. Dan iqarreb aktar lejn xulxin żewġ setturi b'sinerġiji enormi iżda li qed jiffaċċjaw ukoll sfidi simili fit-tranżazzjoni tagħhom lejn futur aktar sostenibbli u prosperu.

Matul il-mandat tiegħi bħala Gvernatur Reġjonali tal-Maċedonja Ċentrali fil-Greċja, ippromwovejt it-trasformazzjoni tal-mobbiltà urbana fil-belt ta' Tessalonika, u dan wassal għal trasport aktar ekoloġiku, aktar intelliġenti, aktar sostenibbli u aktar affordabbli. Implimentajt politiki speċifiċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vetturi fir-reġjun tiegħi li jinkoraġġixxu l-użu tal-vetturi elettriċi u li jippromwovu l-mobbiltà attiva, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku ġodda u tal-estensjoni tan-network tal-korsiji għaċ-ċiklisti. Barra minn hekk, immaniġġgajt il-fondi Ewropej għat-titjib tal-infrastruttura tat-trasport biex jingħaqdu ż-żoni urbani u rurali u biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq. Irnexxieli nippromwovi wkoll ir-reġjun tiegħi bħala waħda mid-destinazzjonijiet turistiċi ewlenin fil-Greċja, filwaqt li appoġġajt proġetti li jinvestu fit-turiżmu sostenibbli. Barra minn hekk, f'kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali oħra, stabbilejna konnessjonijiet marittimi u tal-avjazzjoni ġodda, u b'hekk ippromwovejna l-konnettività u l-involvement reġjonali. Fl-istess ħin, l-esperjenza tiegħi fil-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tagħmilni kunfidenti li se jirnexxili nnaqqas id-diskrepanza bejn l-awtoritajiet Ewropej, daww nazzjonali u daww reġjonali biex niksbu sistema tat-trasport sostenibbli, intelliġenti u sikura li taqdi u tgħaqqad liċ-ċittadini kollha, u qed tiżgura li l-UE tibqa' destinazzjoni turistica ewlenija. Bħala President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, inkoraġġejt kollaborazzjoni aktar b'saħħitha mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li ħdimt mill-qrib ma' mexxejja reġjonali u lokali oħra u mal-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħra. Komplejt nikkonvinċi ruħi li nistgħu niksbu ħafna aktar meta ngħaqqdu l-isforzi tagħna.

Bis-saħħa tal-esperjenzi preċedenti tiegħi, naf sew kemm huma kruċjali dawn iż-żewġ setturi għall-Unjoni tagħna. Esperjenzajt direttament l-isfidi reali li qed jiffaċċjaw. Naf kemm huwa importanti t-trasport għar-reġjuni remoti tal-UE u għas-sens ta' appartenenza tagħhom fl-UE. Rajt ukoll x'impatt ħalliet il-pandemija tal-COVID-19 fuq it-turiżmu, u fuq iċ-ċittadini u n-negozji tagħna b'mod ġenerali. Iż-żewġ setturi għandhom potenzjal enormi li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-prosperità tagħna, li jirnexxu fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tagħhom, u li jsostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna. L-esperjenzi preċedenti u l-ħidma fil-prattika tiegħi se jgħinuni nfassal reazzjonijiet politiċi li jagħmlu liċ-ċittadini l-qofol tal-isforzi tagħna.

Il-linji gwida politiċi tal-President elett von der Leyen jistabbilixxu pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa. Nixtieq li t-trasport u t-turiżmu, kif ukoll l-ekosistemi industrijali tagħhom, ikunu jaqdu

rwol ċentrali f'dan l-impenn bħala parti mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tagħhom. Se nagħmel ħilti biex it-trasport u t-turiżmu Ewropej isiru aktar kompetittivi, aktar sostenibbli u aktar reżiljenti. Se naħdem bla heda biex nimplimenta bis-sħiħ u navvanza l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u l-Aġenda tal-UE għat-Turiżmu 2030.

Jien u nwettaq dan il-kompitu se niffoka fuq l-appoġġ lin-negozji u lill-Istati Membri tagħna fl-implimentazzjoni. Se naħdem biex insaħħaħ is-suq uniku għat-trasport u fuq Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn soluzzjonijiet tat-trasport sostenibbli. Se nappoġġa l-introduzzjoni tal-infrastruttura trans-Ewropea tat-trasport, filwaqt li se jiġu sfruttati l-ġhodod diġitali, it-teknoloġija l-ġdida u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, se nagħmel kull sforz biex l-Ewropa tibqa' destinazzjoni turistica ewlenija filwaqt li niżgura s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur.

Se naħdem taħt il-gwida tal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi, u se nikkollabora ma' Viċi Presidenti Eżekuttivi u Kummissarji rilevanti oħra favur il-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u ż-żieda fil-kompetittività tat-trasport u t-turiżmu Ewropej.

Nirrikonoxxi li fil-forza tax-xogħol tas-settur tat-trasport m'hemmx biżżejjed diversità. Fil-fatt, għadu wieħed mis-setturi l-aktar iddominati mill-irġiel. Fl-istess ħin, il-forza tax-xogħol tas-settur tat-trasport qed tixjieħ b'rata mgħaġġla, u dan ikompli jżid l-urġenza li tiġi attirata riżerva ta' talent aktar diversa fis-settur. Jien impenjat li niżgura l-integrazzjoni tal-ugwaljanza fil-politika tat-trasport, speċjalment fir-rigward tal-ġeneri u tal-età, sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tat-trasport, fosthom in-nuqqas ta' persunal u l-ħtieġa tat-titjib u tat-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema ħalli dawn jibqgħu adattati għall-bidla teknoloġika u għall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni li għaddejjin bħalissa.

B'mod partikolari, se nkun ħerqan li nappoġġa l-inizjattiva "In-nisa fit-trasport – Pjattaforma tal-UE għall-bidla" u n-network tal-Ambaxxaturi għad-Diversità fit-Trasport. Biħsiebni wkoll niddjaloga regolarment maż-żgħażaġh dwar l-aspirazzjonijiet u l-isfidi perċepiti tagħhom fir-rigward tal-impjeggi fis-settur tat-trasport sabiex nifhem aħjar l-aspettattivi u t-ħassib tagħhom. Għalhekk, nistenna bil-ħerqa li norganizza Djalogu maż-Żgħażaġħ fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi.

Konxju perfettament mill-obbligi stabbiliti fit-Trattati (l-Artikolu 17(3) tat-TUE u l-Artikoli 245 u 339 tat-TFUE) u nikkonferma l-impenn tiegħi li nirrispetta bis-sħiħ dawn l-obbligi, inkluż l-oġhla standards etiċi u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi prevista mill-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku u se tiġi aġġornata kif rilevanti.

Nimpenja ruħi li nevita kull pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' tqajjem dubju dwar l-indipendenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà tiegħi fir-rigward tal-Kummissjoni. Nimpenja ruħi li ninforma lill-President tal-Kummissjoni dwar kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolve kunflitt ta' interess fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tiegħi.

Nimpenja ruħi wkoll li nikkonforma mal-obbligi tat-trasparenza, kif stabbilit fil-Kodiċi ta' Kondotta, fir-rigward ta' laqgħat ma' dawk l-organizzazzjonijiet jew l-individwi li jaħdmu għal rashom u li huma rreġistrati fir-Reġistru tat-Trasparenza biss.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tipprovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nieħu r-responsabbiltà politika sħiħa għall-attivitajiet fil-qasam tat-trasport sostenibbli u tat-turiżmu, kif stabbilit fl-Ittra ta' Missjoni li ntbagħtitli fis-17 ta' Settembru. Se nwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħi f'kooperazzjoni sħiħa mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ tal-Kummissarji u f'konformità mal-metodi ta' ħidma stabbiliti mill-President, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-kolleġġjalità. Se ninvolvi mill-qrib lill-kolleġi tiegħi fl-iżvilupp, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi politiċi li huma meħtieġa biex jiġu implimentati l-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen li ġew ippreżentati lill-Parlament Ewropew f'Lulju.

Nemmen li l-kooperazzjoni interistituzzjonali hija fil-qalba tal-funzjonament effettiv tas-sistema istituzzjonali tal-UE, u tal-effiċjenza u l-leġittimità tat-tehíd tad-deċiżjonijiet tal-UE. Xogħli f'dan il-qasam se jkun ispirat u ggwidat minn prinċipji fundamentali bħall-aċċess miftuħ, il-fiduċja reċiproka, l-effiċjenza, u l-iskambju regolari tal-informazzjoni. Se nappoġġa u nirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 u l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Konxju li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jiġu ttrattati b'mod ugwali bħala koleġiżlaturi.

Jien impenjat bis-sħiħ li niżgura li l-interazzjonijiet tiegħi mal-Parlament Ewropew ikunu miftuħa, trasparenti u kostruttivi. Irrid nibni relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja reċiproka. Se nara li nkun disponibbli biex nieħu sehem fil-laqgħat rilevanti kollha tal-kumitati, fid-diskussjonijiet tat-trilogu, u fl-iskambji fil-plenarji rilevanti għall-portafoll tiegħi. Se naħdem mal-Parlament u mal-kumitati rilevanti fl-istadji kollha kemm tal-proċess tat-tfassil tal-politika kif ukoll tad-djalogu politiku. Kull meta jkun meħtieġ, se ninvolvi ruħi fi proċedimenti relatati mar-riżoluzzjonijiet skont l-Artikolu 225 tat-TFUE.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nistabbilixxi relazzjonijiet kostruttivi u se niżgura l-fluss regolari tal-informazzjoni mal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN), mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u ma' kumitati oħra, kif rilevanti. Nemmen ukoll f'komunikazzjoni trasparenti, diretta u regolari mal-membri tal-kumitati. Se nkun disponibbli għal laqgħat bilaterali kull meta jkun meħtieġ. Se niżgura li l-mistoqsijiet indirizzati lill-Kummissjoni mill-membri tal-Parlament Ewropew f'oqsma jew dwar kwistjonijiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħi jirċievu tweġibiet f'waqthom u informativi. Se nkun lest li nidher quddiem il-plenarja u l-kumitati tal-Parlament Ewropew skont il-ħtieġa.

Bl-istess mod, impenjat bis-sħiħ li niżgura li l-Parlament Ewropew ikun infurmat sew dwar l-istadji ewlenin tan-negożjati internazzjonali li jistgħu jiżvolġu f'oqsma li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħi, kif ukoll dwar avvenimenti ewlenin oħra.

Impenjat bis-sħiħ li, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, nintroduċi aktar trasparenza tul il-proċess leġiżlattiv. Se nimplementa d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza, fosthom dawk li jikkonċernaw l-eżerċizzju ta' programmazzjoni pluriennali fil-bidu tat-terminu, kif stabbilit fil-Ftehim Qafas u fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Se nikkonforma wkoll mal-istandards ta' trasparenza verament għoljin tal-Kummissjoni għal-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess. Nimpenja ruħi li nimplementa l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar u li niżgura li l-proposti ta' politika li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħi jkunu bbażati fuq konsultazzjonijiet mal-esperti u mal-pubbliku. Se nagħmel ħilti biex insib kemm modi ġodda ħalli nkunu nistgħu navvanzaw kif ukoll ideat sabiex iċ-ċittadini u s-soċjetajiet ċivili fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ż-żgħażaġh tagħna, ikunu jistgħu jsemmgħu lehinom aħjar. Jeħtieġ nipromwovu d-demokrazija parteċipattiva sabiex iċ-ċittadini jkunu infurmati tajjeb u involuti fit-tfassil tal-politika tagħna. Se niġġieled b'mod attiv id-diżinformazzjoni u se nagħmel ħilti biex nikkomunika fil-ħin u b'mod ċar l-azzjonijiet tal-Kummissjoni, kif ukoll biex nisma' b'attenzjoni t-ħassib ta' dawk affettwati.

Bl-istess mod, nimpenja ruħi wkoll li niżgura li r-relazzjonijiet mad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport u ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni jkunu bbażati fuq il-lealtà, il-fiduċja, it-trasparenza, il-fluss bidirezzjonali tal-informazzjoni u l-assistenza reċiproka.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

3. Il-President von der Leyen, fl-ittra ta' missjoni tagħha, assenjat lill-Kummissarju futur għat-trasport sostenibbli u għat-turiżmu bil-kompitu li "jagħmel it-trasport Ewropew aktar kompetittiv, aktar sostenibbli u aktar reżistenti għal xokkijiet futuri u jiżgura li t-trasport ikun sikur, aċċessibbli u affordabbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE". Xi jkunu l-istrateġija u l-prijoritajiet tiegħek, anki f'termini ta' leġiżlazzjoni konkreta, biex twettaq dan il-kompitu u fuq liema skeda ta' żmien? Fl-opinjoni tiegħek liema huma l-isfidi l-aktar pressanti u kif biħsiebek tindirizzahom?

It-trasport huwa faċilitatur kruċjali għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-Suq Uniku. Narah ukoll: mhux biss bħala settur ekonomiku importanti fih innifsu, iżda wkoll bħala katalist essenzjali għal attivitajiet ekonomiċi oħra, fosthom għat-turiżmu. Fl-istess ħin, is-settur tat-trasport huwa kruċjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tagħna għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050. Għalhekk, huwa evidenti li l-politika tat-trasport ma tistax u m'għandhiex topera f'vakwu. F'konformità mal-missjoni fdata lili mill-President elett Ursula von der Leyen, jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib ħafna mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi u mal-Membri l-oħra kollha tal-Kulleġġ tal-Kummissarji biex niżgura li l-politiki tagħna jtfasslu b'mod konsistenti u li jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tas-settur tat-trasport u tal-mobbiltà biex jintlaħqu l-għanijiet tagħna marbuta mal-kompetittività, mas-sostenibbiltà u mar-reżiljenza tal-ekonomija tal-UE.

Nemmen li l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti adottata mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2020 stabbiliet pjan ambizzjuż għall-politika tat-trasport tal-UE u għadha fil-biċċa l-kbira valida għas-snin li gējjin. It-tliet pilastru tal-Istrateġija, jiġifieri t-tranżizzjoni lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet, il-kisba ta' konnettività bla xkiel, sikura u effiċjenti, u l-ħolqien ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport aktar reżiljenti, jallinjaw mal-viżjoni tiegħi għall-futur tat-trasport Ewropew. Biħsiebni nkompli bil-ħidma li diġà bdiet u navvanza malajr l-azzjonijiet prijoritarji tal-Kummissjoni l-ġdida għat-trasport sostenibbli u t-turiżmu.

Se niffoka fuq il-ħidma lejn sistema tat-trasport li tista' tappoġġa l-kompetittività tan-negozji tagħna u l-konnettività taċ-ċittadini tagħna filwaqt li tħares il-klima u l-ambjent. Dan l-għan jista' jinkiseb biss permezz ta' sforzi kontinwi biex tirnexxi t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tas-settur, biex tinkiseb innovazzjoni rivoluzzjonarja, u biex jiġi żgurat li t-trasport fl-Ewropa jkun u jibqa' sikur, aċċessibbli u affordabbli. Fl-istess ħin, is-settur tat-trasport tal-UE, inkluż l-ekosistemi industrijali tiegħu, irid ikun kapaċi jikkompeti fil-livell dinji, jantiċipa kull tip ta' xokkijiet eżoġeni u jħejji ruħu għalihom, u jkun kapaċi jirkupra mit-tfixkil f'ħakka t'għajn. Fost it-tfixkil insibu d-diżastri naturali, it-tensjonijiet ġeopolitiċi jew tfixkil usa' fl-ekonomija bħal dak li esperjenzajna waqt il-pandemija tal-COVID-19. Dan is-settur għandu jappoġġa wkoll id-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, fost l-oħrajn permezz ta' mobbiltà militari msaħħa.

Quddiemna għandna għadd ta' sfidi, kif ħarġu fid-dieher Mario Draghi u Enrico Letta. Fost dawn l-isfidi nsibu l-ħtiġijiet enormi ta' investment, il-frammentazzjoni regolatorja, in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, u l-kundizzjonijiet mhux ekwi meta mqabbla mal-pajjiżi terzi.

L-ewwel nett, se nieħu azzjoni biex nappoġġa s-settur tagħna fit-tranżizzjoni lejn l-għanijiet sostenibbli u diġitali tagħna u biex nelimina l-ostakli għat-tiħiħ tal-kompetittività tiegħu. F'dan l-ispirtu, biħsiebni nippreżenta Pjan ta' Investment għat-Trasport Sostenibbli biex jiżdiedu u jiġu prijoritizzati l-investimenti fis-soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, u se niżviluppa pjan ta' azzjoni industrijali tal-UE għas-settur awtomobilistiku kif ukoll strateġija marittima industrijali ġdida. Dawn l-inizjattivi huma fundamentali biex jinżamm il-vantaġġ kompetittiv tal-ekosistema industrijali tagħna. Se nippreżenta wkoll pjan iddedikat li se jgħin biex il-bliet kapitali u l-bliet il-kbar tal-UE jingħaqdu permezz ta' ferroviji ta' veloċità għolja, inkluż ferroviji li jaħdmu billejl. Sabiex inkompli nappoġġa l-bidla modali u nipromwovi l-ivvjaġġar transkonfinali, se nressaq Regolament dwar Sistema Unika Diġitali ta' Bbukkar u ta' Ħruġ ta' Biljetti għall-ferroviji, li jikkomplementa u jtejjeb l-obbligi eżistenti f'dan il-qasam, kif ukoll inizjattiva ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali biex iċ-ċittadini tagħna jsibuha aktar faċli li jmorru għal għażliet tal-ivvjaġġar aktar sostenibbli. Barra minn hekk, se nikkoordina t-tħejjija ta' Strateġija Portwarja tal-UE komprensiva għat-titjib tas-sigurtà, tas-sostenibbiltà u tal-kompetittività tal-portijiet tal-UE. Jekk niġi kkonfermat, u jekk jaqbel il-kumplement tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, l-għan tiegħi se jkun li nressaq dawn l-inizjattivi kmieni kemm jista' jkun matul il-mandat tiegħi.

It-tieni, it-titjib tas-sikurezza tat-trasport se jkun il-prijorità ewlenija tal-ħidma tiegħi. Jeħtieġ niproteġu lill-passiġġieri u lill-ħaddiema fis-settur tat-trasport tagħna billi nimplimentaw bis-siħiħ l-istandards tal-UE dwar is-sikurezza tat-trasport madwar l-UE kollha u fil-modi kollha tat-trasport, intejbu l-għodod għad-dispożizzjoni tagħna biex nappoġġaw u nsaħħu s-sorveljanza tal-korpi nazzjonali inkarigati mis-sikurezza, u nappoġġaw l-introduzzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti u t-titjib fl-infrastruttura li jistgħu jagħmlu s-sistemi tat-trasport tagħna aktar sikuri. Kmieni fil-mandat tiegħi biħsiebni nippreżenta l-pakkett dwar l-affidabbiltà stradali, li jtejjeb il-mod kif jaħdmu s-sistemi kruċjali ta' sikurezza u ta' kontroll tal-emissjonijiet fil-vetturi u li jindirizza l-frodi relatata mal-odometru.

It-tielet, se niffoka fuq l-iżgurar li l-korp sostanzjali tal-acquis tal-UE dwar it-trasport li huwa fis-seħħ jiġi implimentat u infurzat b'mod effettiv u konsistenti. Wara kollox, l-oġġettivi kruċjali ta' politika — minn kompetizzjoni ġusta għal standards soċjali, ambjentali u ta' sikurezza għoljin u protezzjoni effettiva tal-passiġġieri — jiddependu għalkollox fuq ir-regoli miftiehma li jiġu applikati bis-siħiħ madwar l-Unjoni tagħna. Jekk ma ssirx enfasi fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar, Suq Uniku ġenwin għas-servizzi tat-trasport se jibqa' biss aspirazzjoni. Bħala parti minn din il-ħidma, se nisma' bir-reġa l-fehmiet u l-esperjenzi ta' kull parti kkonċernata u ta' kull amministrazzjoni kkonċernata, u se norganizza djalogi ta' implimentazzjoni. Se nirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan l-eżerċizzju. Se nagħmel ħilti kollha biex nipromwovi s-simplifikazzjoni u ntaffi l-piż regolatorju għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħna meta jkun meħtieġ, anke billi nisfrutta s-soluzzjonijiet diġitali.

Ir-raba', il-kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel malajr f'dawn l-aħħar snin kompli jenfasizza l-importanza ta' viċinat stabbli u ta' rabtiet internazzjonali sodi. Jekk niġi kkonfermat, flimkien mal-Kummissarju għat-tkabbir se naħdem favur aġenda attiva tat-tkabbir biex navvanza l-integrazzjoni tal-pajjiżi kandidati fis-sistemi tat-trasport tal-UE. Hawn se niffoka fuq l-estensjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), it-titjib tar-rabtiet fiżiċi tagħna,

u l-appoġġ tal-allinjament tal-kandidati mar-regoli tal-UE tagħna. Fl-aħħar mill-aħħar, it-trasport se jkun fundamentali kemm biex tirnexxi l-integrazzjoni fis-Suq Uniku kif ukoll għall-koeżjoni ta' dawn il-pajjiżi. Se naħdem favur konnessjonijiet u kooperazzjoni aħjar mas-sħab u l-alleati internazzjonali l-oħra tagħna għall-ħolqien ta' rotot loġistiċi effiċjenti u effettivi għall-provvisti u l-esportazzjonijiet kritiċi tagħna, u għall-promozzjoni tal-istandards u l-prattiki tal-UE mad-dinja kollha. Jien kompletament konvint li ħafna mill-isfidi li ġejjin jistgħu jissolvew biss jekk ninvolvu ruħna lil hinn mill-fruntieri tagħna. Għalhekk, se niżgura li l-UE taqdi rwol ewlieni fil-fora internazzjonali rilevanti u tinvolvi ruħha b'mod effettiv mas-sħab internazzjonali ewlenin tagħna, filwaqt li nippromwovi l-ogħla standards ta' sikurezza, soċjali u ambjentali tagħna.

Se naħdem ukoll biex niddefendi l-interessi tal-industrija Ewropea tat-trasport u l-ekosistemi industrijali tagħha, fosthom permezz tat-tisħiħ fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet eżistenti mal-pajjiżi terzi (eż. ftehimiet dwar it-trasport bl-ajru) u ta' ftehimiet kummerċjali u sħubijiet ġodda ta' benefiċċju reċiproku.

Sabiex dawn l-għanijiet ta' politika jinkisbu, se naħdem mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex jintemmu n-negożjati leġiżlattivi dwar l-inizjattivi pendenti li huma kruċjali għall-kompetittività, is-sikurezza u s-sostenibbiltà tas-settur tagħna. Fost dawn l-inizjattivi nsibu dawk li l-għan tagħhom huwa l-indirizzar tal-frammentazzjoni regolatorja fis-Suq Uniku tal-UE għat-trasport, it-titjib tas-sikurezza fit-toroq u tas-sikurezza marittima, u l-inċentivar ulterjuri tas-soluzzjonijiet tat-trasport sostenibbli.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, it-trasport fl-Ewropa jeħtieġ investimenti fuq skala bla preċedent. Fosthom insibu kemm l-oġettiv ewlieni li nlestu n-network TEN-T tagħna, is-sinsla tat-trasport tagħna, ħalli nagħmlu l-infrastruttura tal-UE aktar reżiljenti għad-diżastri naturali jew għall-azzjonijiet ostili u ħalli nikkontribwixxu għad-difiża u s-sigurtà Ewropej permezz ta' azzjonijiet biex tittejjeb il-mobbiltà militari, kif ukoll l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u l-modernizzazzjoni tal-flotot tagħna, biex jiġi ffaċilitat l-investment fi fjuwils u teknoloġiji sostenibbli għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, u l-organizzazzjoni aktar intelliġenti tal-mobbiltà tagħna fil-bliet.

4. X'azzjonijiet se tiegħu biex tiżgura li l-UE tilħaq il-miri klimatiċi tagħha fit-trasport, kemm f'termini ta' implimentazzjoni u/jew adattament ta' leġiżlazzjoni attwali jew ta' proposti ta' leġiżlazzjoni ġdida, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kumpaniji tat-trasport Ewropej, il-kompetittività tas-settur tat-trasport Ewropew u impjiegi ta' kwalità għolja u attraenti fl-Ewropa?

Huwa stmat li l-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050 se jkun jeħtieġ li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport jonqsu b'90 % u li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli użata fit-trasport jiżdied għal 94 %. F'konformità mal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, se naħdem biex il-modi kollha tat-trasport isiru aktar sostenibbli, biex jiżdied u jiġi ffaċilitat l-aċċess taċ-ċittadini għal għażliet ta' trasport u mobbiltà sostenibbli li jkunu kemm disponibbli kif ukoll affordabbli, u biex jiġu pprovduti l-inċentivi t-tajba liċ-ċittadini u lill-kumpaniji sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem id f'id mal-Viċi Presidenti Eżekuttivi rilevanti kif ukoll mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif u mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni biex inwettqu l-oġettivi ta' sostenibbiltà kondiviżi tagħna, li jista' jirnexxilna niksbuom biss jekk nikkollaboraw mill-qrib u permezz ta' koordinazzjoni bejn l-oqsma ta' politika rispettivi tagħna.

Il-qafas ta' politika ġenerali diġà ġie stabbilit fil-mandat preċedenti tal-Kummissjoni, u jien fiduċjuż li dawn ir-regoli jipprovdu l-prevedibbiltà meħtieġa għall-partijiet ikkonċernati kollha biex ikomplu bl-investimenti tagħhom u bit-tranżizzjoni tagħhom lejn soluzzjonijiet aktar nodfa. Fl-istess ħin, jeħtieġ naħdmu aktar biex noħolqu kundizzjonijiet abilitanti tajbin b'mod teknoloġikament newtrali. B'mod partikolari, minħabba f'hekk se jkollna niżguraw li jkun hemm biżżejjed sorsi tal-enerġija sostenibbli affordabbli għad-disponibbiltà tas-setturi kollha tat-trasport. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, dan se nagħmlu wkoll permezz ta' djalogi regolari mal-partijiet ikkonċernati biex niddiskutu kif l-aħjar nallinjaw l-implimentazzjoni mar-realtajiet attwali.

Għal dan l-għan, l-ewwel nett, biħsiebni nressaq Pjan ta' Investment għat-Trasport Sostenibbli. Peress li jibbaża fuq il-Patt għal Industrija Nadifa, dan il-pjan se jidentifika miżuri biex tiġi appoġġata b'mod effettiv it-tranżizzjoni tal-enerġija fit-trasport u biex jingħata spinta l-investment fil-produzzjoni u l-provvista tal-fjuwils tat-trasport sostenibbli fl-Ewropa, b'mod partikolari għat-trasport bl-ajru u għat-trasport marittimu, kif ukoll l-aċċess għall-elettriku għat-trasport. Se nimmonitorja u nivvaluta bir-reqqa l-progress li sar fir-rigward tal-qbil dwar l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni u marittimi sostenibbli, biex ir-regoli tagħna jilħqu l-oġettivi tagħhom, u mhux se noqgħod lura milli nressaq xi aġġustament possibbli, jekk ikun meħtieġ.

It-tibdil fil-klima huwa problema li qed tesperjenza d-dinja kollha li teħtieġ soluzzjonijiet fil-livell dinji. F'koordinazzjoni mal-Istati Membri, se ninvolvi ruħi mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization) u mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex inwittu t-triq għal aġenda dinjija ugwalment ambizzjuża. Dan huwa kruċjali wkoll biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u l-kompetittività tal-kumpaniji tal-avjazzjoni u marittimi Ewropej li joperaw fil-livell dinji, kif ukoll biex navvanzaw fl-għanijiet tagħna marbuta mas-sostenibbiltà tat-trasport u mad-dekarbonizzazzjoni fil-livell dinji (ara t-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsija 6).

It-tieni, biex ngħin lit-trasport bit-triq jaqbad il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni stabbli, se nissorvelja l-espansjoni rapida tal-infrastrutturi tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil faċli għall-utent fl-Ewropa kollha, se nimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi fl-Istati Membri, u sal-2027 se nħejji rieżami tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi biex jiġi indirizzat kull nuqqas. Se naħdem mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni ħalli żgur nallinjaw l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija meħtieġ biex nakkomodaw iż-żieda futura fid-domanda għall-elettriku fit-trasport, anke għall-vetturi heavy-duty. Biħsiebni wkoll nivvaluta kif għandna nippromwovu tranżizzjoni aktar rapida lejn vetturi b'emissjonijiet żero, anke fil-flotot korporattivi (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija tal-Kumitat ENVI).

B'mod parallel, se naħdem biex inżid l-investment u l-varar tal-infrastruttura ferrovjarja u tas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja u biex intejjeb l-esperjenza tal-passiġġieri permezz ta' sistema unika diġitali ta' bbukkjar u ta' ħruġ ta' biljetti madwar l-Ewropa sabiex nippromwovi użu akbar tal-ferroviji bħala mod tat-trasport sostenibbli (ara t-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 3). Fl-istess ħin, se nappoġġa lill-bliet Ewropej fit-tnejn tagħhom ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli, li l-prijoritajiet tagħhom ikunu t-trasport pubbliku u l-mobbiltà attiva sikura. Barra minn hekk, se nibda nimmonitorja wkoll l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu mis-sena d-dieħla permezz ta' rapport dettaljat.

Se naħdem ukoll biex insaħħaħ is-Suq Uniku tal-UE għat-trasport, noħloq network effiċjenti tal-infrastruttura tat-trasport, u nippromwovi soluzzjonijiet innovattivi tat-trasport (ara t-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet 1 u 4). Dawn huma kollha oqsma b'potenzjal kbir, li għadu ma ġiex sfruttat, li jkunu aktar effiċjenti u b'potenzjal ta' tkabbir għall-UE, li fl-istess ħin jistgħu jwasslu għal iffrankar tal-emissjonijiet.

Il-kompetittività tal-kumpaniji tat-trasport Ewropej tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati u mħarreġ. Irridu nindirizzaw b'mod urġenti n-nuqqas attwali ta' ħaddiema fis-settur u nirrispondu għall-isfidi marbuta mat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol. Fl-2024 ġiet adottata rakkomandazzjoni dwar il-mezzi biex jiġi indirizzat l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tas-settur tat-trasport. Se naħdem mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex dawn jintensifikaw l-isforzi tagħhom ħalli jiżguraw li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet meħtieġa biex tadatta għat-teknoloġiji ġodda u għall-innovazzjoni kemm fil-qasam tas-sostenibbiltà kif ukoll fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni. Se nappoġġa wkoll il-ħidma tas-šhubijiet fuq skala kbira tal-Patt għall-ħiliet dwar is-settur awtomobilistiku u s-settur tal-bini tal-vapuri u tat-teknoloġija marittima, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-ħiliet u l-Preparatezza.

Mod kruċjali ieħor kif jiġi indirizzat in-nuqqas attwali ta' ħaddiema huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport tagħna. Sabiex nikkomplementa l-inizjattivi li l-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-ħiliet u l-Preparatezza se jressaq biex jappoġġa l-impjiegi ta' kwalità, bħall-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità, se nkompli naħdem biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, speċifikament tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport tagħna. L-UE għandha firxa sħiħa ta' regoli soċjali li l-għan tagħhom huwa l-benesseri tax-xufiera, tal-ekwipaġġi u ta' persunal ieħor fis-settur tat-trasport tagħna. Il-prijorità tiegħi se tkun it-titjib tal-implimentazzjoni u tal-infurzar ta' dawn ir-regoli, li sal-lum għadhom mhumiex uniformi. Fost l-oqsma ta' ħidma ewlenin f'dan il-qasam insibu l-implimentazzjoni ta' regoli biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ tax-xufiera, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, kif ukoll azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi soċjali u tax-xogħol tal-ħaddiema (mobbli), filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi ta' kull mod tat-trasport. Irridu nattiraw aktar nisa u ħaddiema żgħażaġħ lejn il-professjonijiet fis-settur tat-trasport.

Fid-dawl ta' dan kollu li semmejna, ħaġa waħda hija ċara: it-tranżizzjoni lejn mobbiltà aktar sostenibbli trid tiġi rikonċiljata mal-konnettività u mal-affordabbiltà tat-trasport meħtieġa. Din hija kwistjoni partikolarment akuta peress li t-trasport diġà jirrappreżenta medja ta' 12.5 % tal-baġit tal-unitajiet domestiċi fl-UE. Sabiex nindirizzaw l-impatti soċjali negattivi, se nħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu kif xieraq il-ħtiġijiet tat-trasport u tal-mobbiltà waqt il-formulazzjoni tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom, u biħsiebni ngħin billi nħejji rakkomandazzjonijiet biex jiġi indirizzat u evitat il-“faqar fit-trasport”. Dan se jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-ħiliet u l-Preparatezza fir-rigward tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar.

5. Skont ir-rapport ta' Draghi, infrastruttura u servizzi mtejba, kif ukoll ġestjoni effettiva tal-linji ferrovjarji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, jistgħu jagħtu lok għal aktar tkabbir, jgħinu biex tiġi indirizzata l-konġestjoni u jakkomodaw domanda dejjem tiżdied. Il-konġestjoni fit-toroq hija stmata li tiswa lill-UE madwar EUR 230 biljun fis-sena. Barra minn hekk, bħalissa hemm nuqqas persistenti ta' forza tax-xogħol kwalifikata fil-modi kollha tat-trasport. X'passi biħsiebek tiegħu biex il-miri ta' bidla modali u multimodalità jinbidlu f'realtà, kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija f'konformità mal-Istrateġija Komprensiva għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti, u biex tindirizza n-nuqqas ta' forza tax-xogħol fis-settur tat-trasport? F'dan il-kuntest, kif se tiżgura li trasport ferrovjarju u trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni aktar effettivi (dan tal-aħħar b'mod partikolari mhuwiex imsemmi fl-ittra ta' missjoni) jibqgħu jagħmlu parti sħiħa minn din l-istrateġija? Kif ukoll f'termini ta' multimodalità, x'azzjonijiet leġislattivi konkreti biħsiebek tiegħu biex tagħmel it-trasport multimodali aktar effettiv, aċċessibbli u affordabbli għaċ-ċittadini tal-UE? Fuq liema skeda ta' żmien?

L-istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tipprovdi viżjoni ċara biex it-trasport isir aktar sostenibbli u tistabbilixxi stadji importanti relatati mal-hteġa li jiżdied l-użu ta' modi tat-trasport aktar sostenibbli, bħaż-żieda sinifikanti fil-ferroviji ta' veloċità għolja u fit-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, u ż-żieda fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra. Sabiex jintlaħqu dawn l-istadji importanti, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra jeħtieġ jaħdmu aktar.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, irrid niżgura li l-Kummissjoni jkollha rwol ewlieni. Il-prijorità tiegħi se tkun it-tnejja ta' pjan ambizzjuż biex il-bliet kapitali u l-bliet il-kbar tal-UE jkunu konnessi bis-saħħa ta' ferroviji ta' veloċità għolja, permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-politika tagħna dwar it-TEN-T u tal-indirizzar tal-għadd ta' ostakli li fadal għal konnettività aħjar ta' kull servizz ferrovjarju Ewropew, li huma n-nuqqas ta' interoperabbiltà, bħas-sinjalar, u l-użu insuffiċjenti ta' teknoloġiji diġitali oħra. Dawn l-azzjonijiet se jikkontribwixxu wkoll għal konnessjonijiet imtejba, inkluż permezz ta' ferroviji li jaħdmu billejl u ta' trasport tal-merkanzija bil-ferroviji aktar moderni u flessibbli sabiex ir-reġjuni kollha tal-Ewropa jinqdew kif xieraq. Peress li l-ferroviji jridu jiġu appoġġati minn industrija tal-provvista ferrovjarja b'saħħitha u diversa u minn forza tax-xogħol kompetenti, se niffoka wkoll fuq il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet li mistennija jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar tas-sistema ferrovjarja Ewropea.

L-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju jibqgħu kruċjali biex tittejjeb l-offerta tas-servizz ferrovjarju għaċ-ċittadini tagħna.

Kif spjegat hawn fuq, bihsiebn i wkoll inniedi inizjattiva biex jiġi indirizzat il-ħruġ ta' biljetti multimodali malajr kemm jista' jkun, inkluż permezz ta' Regolament dwar Sistema Unika Diġitali ta' Bbukkar u ta' Ħruġ ta' Biljetti sa tmiem l-2025, li jikkomplementa u jtejjeb l-obbligi eżistenti f'dan il-qasam, kif ukoll inizjattiva ta' servizzi ta' mobbiltà diġitali multimodali, sabiex l-għażliet tal-ivvjaġġar bil-ferrovija jsiru aktar faċli biex jiġu aċċessati u biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-passiġġieri.

Lil hinn minn dan, it-tiħiħ tal-konnettività ferrovjarja permezz ta' titjib fl-infrastruttura u ta' konnessjonijiet transkonfinali ġodda, u l-integrazzjoni aħjar tan-network ferrovjarju ma' modi oħra tat-trasport, se jkunu oqsma ewlenin ta' attività. L-indirizzar tal-kwistjonijiet attwali relatati mal-iskema taċ-ċertifikazzjoni tax-xufiera tal-ferroviji se jkun importanti wkoll (ara t-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsija 2 dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema).

Għal multimodalità effettiva, ir-rwol importanti li jaqdu modi kollettivi oħra tat-trasport bħat-trasport pubbliku, il-mobbiltà kondiviża u l-coaches lanqas ma għandu jintesa, u t-tranżizzjoni tagħhom lejn sostenibbiltà akbar għandha tiġi ffaċilitata. L-użu u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli, l-investimenti f'infrastruttura sostenibbli u sikura tat-trasport urban, u l-promozzjoni ta' modi attivi tat-trasport se jkunu kruċjali biex is-sistema tat-trasport multimodali tagħna ssir aktar sostenibbli u effiċjenti u biex titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq urbani.

Fir-rigward tan-navigazzjoni interna, se niffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Naiades III sabiex aktar oġġetti jibdedw jiġu ttraportati bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Se niddedika attenzjoni partikolari biex niżgura navigabbiltà kontinwa fin-network kollu, u se nimbotta lis-settur lejn bastimenti u portijiet b'emissjonijiet żero. Fl-istess ħin, se naħdem biex nipromwovi soluzzjonijiet diġitali għal aktar effiċjenza fis-settur u għal integrazzjoni aħjar tiegħu fil-katina loġistika. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilhqqu ftehim dwar ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS, River Information Services).

Jien impenjat li nżid it-trasport intermodali tal-merkanzija, li jgħaqqad il-prestazzjoni ambjentali u l-effiċjenza enerġetika tal-ferroviji, tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u tal-passaġġi fuq l-ilma interni mal-flessibilità tat-trasport bit-triq. Dan huwa l-aktar segment tas-suq promettenti u dinamiku tat-trasport tal-merkanzija. Se nagħmel ħilti kollha biex jintlaħaq ftehim ambizzjuż dwar ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.

Se niffoka wkoll fuq it-trasport mingħajr dokumenti stampati kemm biex ikomplu jonqsu l-ostakli għat-trasport intermodali kif ukoll għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi f'oqsma oħra, għall-benefiċċju kemm tal-kumpaniji kif ukoll taċ-ċittadini. Din il-ħidma se tikkomplementa u se tkun ibbażata fuq l-għodod eżistenti, bħall-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI, electronic freight transport information), u s-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe, European Maritime Single Window environment), li, ladarba jiġu implimentati bis-sħiħ, huma mistennija jwasslu għal titjib sostanzjali fl-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija u tas-settur tal-loġistika.

Barra minn hekk, irridu nagħtu s-setgħa lill-konsumaturi, li dejjem qed jitolbu prodotti u servizzi aktar nodfa. F'dan il-kuntest, inserraħ fuq il-kooperazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintlaħaq qbil dwar l-inizjattiva proposta CountEmissionsEU, li tippermetti l-ħolqien ta' qafas komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. L-iskema tat-tikkettar li jmiss li tinforma lill-passiġġieri dwar il-prestazzjoni ambjentali tat-titjiriet — li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' ReFuelEU Aviation — se tkun utli wkoll f'dan ir-rigward.

Kif indikat hawn fuq, se naħdem mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex dawn jintensifikaw l-isforzi tagħhom ħalli jiżguraw li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet meħtieġa biex tadatta għat-teknoloġiji ġodda u għall-innovazzjoni kemm fil-qasam tas-sostenibilità kif ukoll fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-ħiliet u l-Preparatezza.

6. It-tlestija tan-network TEN-T hija prevista li ggħib żieda annwali ta' PDG ta' EUR 467 biljun fl-2050, iżda se teħtieġ stima ta' EUR 845 biljun u sa issa l-Kummissjoni u l-Istati Membri għadhom ma ppreżentawx pjan komprensiv biex jiżguraw l-finanzjament neċessarju. Kif tiżgura li l-implimentazzjoni tan-network TEN-T ikun iffinanzjat b'mod adegwat, b'mod partikolari fl-ambitu tar-Regolament FNE li għej u fil-QFP li jmiss? Kif tista' l-Kummissjoni tinċentiva u tattira investment privat biex tagħlaq id-distakk u kif tissuġġerixxi li s-sħubijiet pubbliċi-privati jingħataw spinta?

L-objettiv ewlieni tiegħi se jkun li matul il-mandat tiegħi ntejjeb b'mod sinifikanti l-konnettività tal-Ewropa — kemm fl-UE u mal-ġirien tagħna kif ukoll mal-bqija tad-dinja. Dan jirfed Suq Uniku li jiffunzjona u li jippermetti ċ-ċirkolazzjoni libera ta' oġġetti, servizzi, passiġġieri u ħaddiema. Iċ-ċaqliq tal-passiġġieri, tal-ħaddiema u tal-oġġetti madwar l-Unjoni tagħna jeħtieġ ikun faċli daqs iċ-ċaqliq tagħhom fl-Istat Membru tagħhom.

Ir-Regolament rivedut li jstabilixxi l-linji gwida għan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) jistabilixxi l-objettiv li jitlesti n-network ewlieni Ewropew tat-trasport sal-2030. Dan ifisser li l-5 snin li għejjin huma essenzjali biex isir progress fit-tlestija tan-network ewlieni u biex nuru li kapaċi nilħqu l-objettivi tagħna. F'dan ir-rigward, se nimmonitorja mill-qrib ħafna l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament. Jien u naħdem mal-koordinaturi tat-TEN-T, mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew, se niżgura monitoraġġ xieraq tal-progress u koordinazzjoni mtejbja mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet rilevanti. Minbarra n-network ewlieni, se jkollni wkoll l-għan li niżgura li nagħmlu progress fir-rigward tan-network ewlieni estiż u n-network komprensiv sabiex l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa' lura. Dan huwa kruċjali mhux biss biex tittejjeb il-koeżjoni territorjali — u soċjali — fl-UE, iżda wkoll biex jissaħħaħ is-Suq Uniku tagħna.

Ir-Regolament TEN-T rivedut estenda l-kurrituri tat-trasport tagħna sal-Ukrajna u l-Moldova, u witta t-triq għall-konnettività fit-tul taż-żewġ pajjiżi mal-UE. Fl-istess ħin, in-network tat-trasport tagħna issa għe estiż sal-Balkani tal-Punent, u dan se jgħin biex titħaffef l-integrazzjoni tar-reġjun fis-suq tat-trasport Ewropew tagħna. Il-prijorità tiegħi se tkun it-twettiq fil-prattika ta' dawn il-pjanijiet. Fl-istess ħin, nimpenja ruħi li nkompli bil-ħidma kritika b'rabta mal-Korsiji ta' Solidarjetà biex jinħolqu rotot loġistiċi alternattivi li jiffunzjonaw tajjeb bejn l-UE u l-Ukrajna (u l-Moldova) permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni, tat-trasport bit-triq u tat-trasport ferrovjarju.

It-tlestija tan-network TEN-T se tkun teħtieġ investimenti mdaqqs: huwa stmat li sempliċiment għan-network ewlieni hemm bżonn madwar EUR 515-il biljun f'investimenti. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali għenet biex isir progress fil-finalizzazzjoni tal-konnessjonijiet transkonfinali ewlenin u biex jitħaffef l-irkupru tal-UE wara l-pandemija. Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġliedha Kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika biex niżgura li l-qafas finanzjarju pluriennali li

jmiss ikun jirrifletti l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tat-trasport, b'mod partikolari t-trasport transkonfinali, il-konnessjonijiet neqsin u l-mobbiltà militari, sabiex jiġu appoġġati l-movimenti fuq skala kbira ta' truppi u materjal.

Fl-istess ħin, se nkompli ninvolvi ruħi mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet lokali biex niżgura li fil-baġits u fil-pjanijiet ta' investment tagħhom qed jirriflettu bis-sħiħ l-oġettivi li lkoll kemm aħna qbilna dwarhom. Jeħtieġ ukoll nesploraw opportunitajiet ta' finanzjament lil hinn mis-settur pubbliku, għalhekk se naħdem fuq l-iżvilupp ta' sorsi innovattivi ta' finanzjament, inkluż billi nibbaża fuq l-esperjenza pożittiva tat-taħlit tal-għotjiet mas-self fl-ambitu tal-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi. Se ninvolvi ruħi b'mod partikolari mal-Bank Ewropew tal-Investment u mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp biex niżgura li l-istrateġiji ta' self tagħhom jirriflettu l-ħtiġijiet ta' politika l-aktar urġenti. Jeħtieġ ukoll issir aktar riflessjoni dwar kif ir-riżerva ta' proġetti verament robusta u matura li tirriżulta mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport tista' tattira investment fit-tul minn atturi u fondi privati. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, se nitfa' pressjoni fuq l-Istati Membri ħalli ma jdumux biex jiksbu l-permessi u ħalli jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-parteċipazzjoni tas-sħab privati.

7. Kif biħsiebek tippromwovi settur tat-turiżmu reżiljenti, sostenibbli u kompetittiv, f'konformità mal-Aġenda tal-UE għat-Turiżmu 2030 u d-Dikjarazzjoni ta' Palma 2023, filwaqt li tiżgura tkabbir ekonomiku u ġestjoni aħjar tal-flussi tat-turiżmu f'konformità mal-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali? Qabel in-negozjati dwar il-QFP li jmiss, timpenja ruħek li tinsisti fuq l-appell persistenti tal-Kumitat TRAN għal linja baġitarja separata għat-turiżmu?

L-ewwel nett, inħossni onorat li, jekk niġi kkonfermat, inkun il-Kummissarju għat-turiżmu sostenibbli. Biħsiebni nikkonkretizza din id-deċiżjoni tal-President von der Leyen sabiex tissarraf f'politika Ewropea kompluta.

It-turiżmu sostenibbli jagħti spinta lill-ekonomija Ewropea kif ukoll lill-komunitajiet reġjonali u lokali madwar l-Ewropa. Huwa ekosistema industrijali vibranti li tirrappreżenta aktar minn 3 miljun SME. Is-settur ikabbar il-valur tal-wirt naturali u kulturali kondiviż tagħna u jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni, inkluż dawk l-aktar remoti jew l-aktar żvantaġġati. Madankollu, it-turiżmu huwa wkoll ikkonċentrat ħafna f'reġjuni speċifiċi u qed jiffaċċja għadd ta' sfidi, mit-tibdil fil-klima san-nuqqas ta' ħaddiema, li huma komuni għat-trasport. Nemmen li l-UE trid iżżomm il-pożizzjoni tagħha bħala l-aqwa destinazzjoni turistika fid-dinja, filwaqt li tagħmel it-turiżmu aktar sostenibbli u aktar ibbilanċjat kif ukoll tħares il-benesseri tal-komunitajiet lokali.

Jien impenjat li nippromwovi settur tat-turiżmu reżiljenti, sostenibbli u kompetittiv, kif maqbul mill-Istati Membri skont l-Aġenda tal-UE għat-Turiżmu 2030. Filwaqt li d-direzzjoni tal-ivvjaġġar hija ċara, b'azzjonijiet, miri u responsabbiltajiet maqbula, nemmen li jeħtieġ nisfruttaw aħjar is-sinerġiji li jeżistu fil-politiki differenti tal-UE, u b'mod partikolari fis-settur tat-trasport, biex nappoġġaw u nippromwovu t-turiżmu b'mod aktar effettiv. Huwa proprju għalhekk li, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nressaq, wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-awtoritajiet lokali u reġjonali, strateġija biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' din l-aġenda u se nippromwovi l-argument għall-vijabbiltà ta' turiżmu reżiljenti u kompetittiv. Se nappoġġa l-industrija tat-turiżmu fl-isforzi tagħha biex tnaqqas l-impatti ambjentali u biex iddur għal mudelli ta' negozju ġodda u aktar ekoloġiċi. Se nħeġġeġ lin-negozji u b'mod partikolari lill-SMEs biex jagħżlu skemi u tikketti ta' sostenibbiltà rikonoxxuti u affidabbli, li se jippermettullhom ikunu aktar kompetittivi biex jissodisfaw id-domanda tat-turiżmu. Fl-istess ħin se nippromwovi l-eċċellenza, inkluż billi nkompli bl-għoti tal-premjijiet "Kapitali Ewropea għat-Turiżmu Intelliġenti" u "Pijunier Ekoloġiku tat-Turiżmu Intelliġenti".

Id-destinazzjonijiet Ewropej jeħtieġ ikunu mgħammra biex jimmaniġġjaw il-flussi tat-turiżmu b'mod ibbilanċjat. Niproponi li dawn jibqgħu jingħataw appoġġ permezz tal-iskambju effettiv tal-għarfien, tat-tagħlim bejn il-pari u tal-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki bl-għan, b'mod partikolari, li tonqos il-persjoni fuq il-hotspots tat-turiżmu, li jiġu applikati miżuri preventivi, li titrawwem sensibilizzazzjoni dwar l-imġiba turistika responsabbli, u li jiġu involuti l-komunitajiet ospitanti fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' mudelli tat-turiżmu sostenibbli. Id-Dikjarazzjoni ta' Palma tal-Kunsill tal-2023 enfasizzat li s-sostenibbiltà soċjali tat-turiżmu hija kwistjoni fundamentali. Hija wkoll punt ċentrali fil-perkors ta' tranżizzjoni għat-turiżmu. Se nkompli nappoġġa d-destinazzjonijiet fit-tħejjija tagħhom biex jiffaċċjaw it-tibdil fil-klima.

Anke d-data se jkollha rwol ewlieni fl-iżgurar tal-aqwa ġestjoni tal-flussi tat-turiżmu skont id-destinazzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi spazju tad-data għat-turiżmu li se jippermetti lill-atturi tat-turiżmu, fosthom id-destinazzjonijiet, jieħdu deċiżjonijiet aktar akkurati u infurmati aħjar.

Illum, l-appoġġ tal-UE għat-turiżmu huwa mifruq fuq diversi programmi ta' finanzjament tal-UE. It-tħejjija tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss se tkun opportunità biex il-baġit tal-UE jsir aktar sempliċi, aktar iffukat u

aktar reattiv. Se naħdem mal-Kummissarju għall-Baġit, għall-Ġlieda Kontra l-Frodi u għall-Amministrazzjoni Pubblika dwar dawn l-elementi.

Se jkun meħtieġa aktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost l-atturi tal-ekosistema tat-turiżmu dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament li jeżistu, b'mod partikolari għall-SMEs. Se nibbaża fuq il-ħidma li għaddejja bħalissa biex niżgura li jkun aktar faċli għan-negozji tat-turiżmu u għall-postijiet kulturali tagħna li jsibu opportunitajiet ta' finanzjament, mhux biss fil-livell Ewropew iżda wkoll fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

8. L-emissjonijiet mis-settur tat-trasport jirrappreżentaw kważi kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Ewropa; dan huwa l-uniku settur maġġuri tal-ekonomija fejn sa mill-1990 l-emissjonijiet żdiedu fil-livell tal-UE. Għalhekk, aktar sforzi huma essenzjali biex jiġi żgurati li l-partijiet kollha tas-settur jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u li jkun hemm qafas tajjeb. Il-bidliet trasformattivi neċessarji jgħibju magħhom sfidi diversi bħal dawk relatati ma' volum ta' trasport fuq l-infrastruttura dejjem jikber, iż-żieda ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-istimulazzjoni tal-manifattura tal-batteriji. Liema kundizzjonijiet abilitanti mtejba, passi speċifiċi, skedi ta' żmien u strumenti legali se tressaq biex il-politiki tat-trasport sostenibbli jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, is-sigurtà tal-impjegi u l-kompetittività fl-Ewropa, filwaqt li tiżgura li jintlaħqu l-miri tal-2030 bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex l-Unjoni ssir newtrali għall-klima? Kif se tiżgura - f'kooperazzjoni mal-Kummissarju nnominat għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif - li l-Unjoni tkun minn ta' quddiem għal dak li għandu x'jaqsam ma' żieda fl-impenji internazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra globali fis-settur marittimu u f'dak tal-avjazzjoni? Liema miżuri konkreti qed tippjana bħala parti mill-pjan ta' azzjoni industrijali tal-UE għas-settur awtomobilistiku? X'se tkun in-natura ġuridika u l-iskeda ta' żmien tal-proposta dwar flotot korporattivi nodfa?

Ħadd ma jista' jmeri l-fatt li s-settur tat-trasport tal-UE jeħtieġ jgħaddi minn trasformazzjoni, jekk irridu li jkollna futur newtrali għall-klima. Se nispyega b'mod ċar l-isforzi tiegħi skont l-oġettivi diġà deskritti fl-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u abbażi tal-leġiżlazzjoni maqbula s'issa. B'mod aktar konkret, se niffoka fuq l-introduzzjoni rapida ta' vetturi b'emissjonijiet żero, fuq l-iżgurar li l-fjuwils u t-teknoloġiji tat-trasport sostenibbli jkun kemm disponibbli kif ukoll affordabbli, fuq is-sorveljanza tal-introduzzjoni rapida tal-infrastruttura, u fuq iż-żieda fl-attività tat-trasport b'modi tat-trasport aktar sostenibbli. Għalija, din it-trasformazzjoni mhijiex biss hteġa ambjentali. Hija wkoll opportunità ekonomika għall-Ewropa. Billi tmexxi t-tranżizzjoni dinjija lejn trasport sostenibbli, l-UE tista' ssaħħaħ postha bħala pijunier fl-innovazzjoni teknoloġika. Din it-tmexxija se ssaħħaħ ukoll il-pożizzjoni kompetittiva tagħha, tixpruna t-tkabbir, u tiżgura l-impjegi fl-Ewropa.

Il-qafas regolatorju għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-settur diġà ġie stabbilit fil-bieċa l-kbira permezz tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%", tal-pakkett dwar il-mobbiltà effiċjenti u ekoloġika, u tal-pakkett dwar l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija. Issa jeħtieġ inwettqu dan kollu. Għalhekk, l-ewwel qasam ta' prijorità tiegħi se jkun il-ħidma mal-koleġiżlaturi biex jintlaħaq ftehim dwar il-proposti li dwarhom għad irid jinstab il-ftehim, inkluż inizzjattivi ewlenin biex jiġu inċentivati l-vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero, jittejjeb l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja, jiġu promossi operazzjonijiet tat-trasport intermodali, u jiġi stabbilit qafas biex jiġu vvalutati u mqabbla l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport. Se niżgura wkoll li l-istrumenti kollha stabbiliti minn dawn il-pakketti jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv.

L-isforzi tal-UE jirnexxu jekk ikun hemm fis-seħħ għadd ta' kundizzjonijiet abilitanti kruċjali. Jeħtieġ li l-UE ttejjeb l-infrastruttura tat-trasport tagħha, filwaqt li tiżgura li din tibqa' vijabbli fil-futur, tkompli ssaħħaħ is-Suq Uniku tagħha għat-trasport, tiffaċilita l-investment, tippromwovi teknoloġiji bħal batteriji aktar effiċjenti u sistemi tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero, u żżid l-effiċjenza fis-sistema tat-trasport permezz ta' soluzzjonijiet diġitali. L-iżgurar tal-aċċess għal haġna aktar elettriku rinnovabbli u fjuwils sostenibbli affordabbli huwa qasam ta' ħidma kritiku. Se naħdem mal-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni ħalli żgur nallinjaw l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija meħtieġ biex nakkomodaw iż-żieda futura fid-domanda għall-elettriku fit-trasport, anke għall-vetturi heavy-duty. Fl-istess ħin, se naħdem biex tiżdied il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-fjuwils tat-trasport rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huma partikolarment meħtieġa fis-segmenti tat-trasport bl-ajru u tat-trasport marittimu li diffiċli jitrażżnu.

Jeħtieġ nagħmlu sforz akbar biex jirnexxilna nirrikonċiljaw l-għanijiet ambjentali tagħna mal-imperattivi soċjali u ekonomiċi tat-trasport, b'mod partikolari l-konnettività u l-affordabbiltà. Jeħtieġ ukoll nużaw l-istrumenti kollha disponibbli biex niżguraw li l-prospertà u s-saħħa industrijali Ewropej ikunu appoġġati sew. Dawn kollha se jingħataw prijorità fil-ħidma tiegħi, f'konformità mal-missjoni fdata lili mill-President elett Ursula von der Leyen.

Aspett kritiku ieħor huwa li jiżdedu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-għażliet tat-trasport sostenibbli. F'dan ir-rigward, se nkompli nipromwovi l-ferroviji — kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għat-trasport tal-merkanzija. Għal dan l-għan, kmieni fil-mandat tiegħi biħsiebni nressaq pjan ambizzjuż li se jgħin biex il-bliet kapitali u l-bliet il-kbar tal-UE jkunu konnessi permezz ta' ferroviji ta' veloċità għolja kif ukoll proposta għal Regolament dwar Sistema Unika Diġitali ta' Bbukkar u ta' Ħruġ ta' Biljetti li jikkomplementa u jtejjeb l-obbligi eżistenti f'dan il-qasam (ara t-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsija 2). Se nappoġġa wkoll lil-leġiżlaturi biex jilhqnu ftehim ambizzjuż dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja.

Peress li t-trasport huwa ta' natura internazzjonali, ma hemm l-ebda dubju li l-UE la tista' u lanqas għandha taġixxi waħedha. Dan mhuwiex biss kruċjali biex it-tiġin globali jiġi limitat b'mod effettiv f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, iżda wkoll biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tagħna. Jeħtieġ li l-UE tibqa' taqdi rwol ta' mexxejja fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Se naħdem f'kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabir Nadif biex niżguraw li l-UE tippreżenta front unifikat u tmexxi l-isforzi dinjin biex jtnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra globali, b'mod partikolari għat-trasport bl-ajru u għat-trasport marittimu.

Fir-rigward tal-avjazzjoni, il-mira fit-tul ta' emissjonijiet żero netti għall-avjazzjoni u l-qafas globali għall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, għall-fjuwils tal-avjazzjoni b'anqas karbonju u għal enerġiji aktar nodfa oħra tal-avjazzjoni jservu bħala gwida u huma bażi solida għall-isforzi dinjin kontinwi tagħna taħt l-awspiċċi tal-ICAO. Se jkun kruċjali li jiġi żgurat li l-qafas maqbul iwettaq dak li għandu jwettaq. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem biex insaħħaħ ir-regoli u l-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA, Carbon Offsetting and Reduction Scheme for International Aviation) biex niżgura li din twassal għal benefiċċji klimatiki tanġibbli fil-livell dinji. Għal dan l-għan, se jiġi vvalutat jekk l-iskema hijiex allinjata biżżejjed mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Fl-istess ħin, se nagħmel ħilti kollha fil-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiżi terzi u fil-qafas tal-ICAO biex nappoġġa l-iżvilupp ta' politiki u proġetti dwar il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli, filwaqt li nibbaża fuq l-esperjenza pijuniera tar-Regolament "ReFuelEU Aviation" u l-programmi ta' assistenza u kooperazzjoni esterni tal-UE, fosthom il-Global Gateway.

Fir-rigward tat-trasport marittimu, l-2025 se tirrappreżenta sena kritika għall-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-livell dinji. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, il-prijorità tiegħi se tkun li niżgura li l-OMI tadotta miżuri ambizzjużi fuq terminu medju għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-għan ta' dan se jkun li jiġi żgurat li l-miżuri adottati jkunu kapaċi jagħtu spinta lill-użu ta' fjuwils b'emissjonijiet żero fit-trasport marittimu, iwasslu għal tnaqqis kostanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur, u jiżguraw li l-qafas iqis il-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-istess ħin, se nagħmel sforz biex insaħħaħ il-miżuri fuq terminu qasir b'rabta mal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex nappoġġa proġetti li l-għan tagħhom huwa li jnaqqsu d-differenza fil-prezz bejn il-fjuwils b'emissjonijiet żero u l-fjuwils konvenzjonali fil-livell dinji.

It-trasformazzjoni fil-livell dinji tas-settur tat-trasport hija opportunità għall-pijunieri industrijali tal-Ewropa — kemm dawk attwali kif ukoll dawk futuri — b'mod partikolari għall-industrija awtomobilistika tal-Ewropa. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nibbaża fuq il-Patt għal Industrija Nadifa u se niżviluppa pjan ta' azzjoni industrijali għas-settur awtomobilistiku biex niżgura li l-UE iżżomm il-pożizzjoni tagħha bħala mexxejja dinjija kif ukoll iżżomm bażi ta' produzzjoni Ewropea b'saħħitha. Se jkun meħtieġ li tittieħed azzjoni tul il-katina tal-valur: mill-materja prima kritika għall-infrastruttura tal-iċċarġjar. Irridu niżguraw li l-UE tkun tista' tiddependi fuq l-infrastruttura meħtieġa, kemm għar-riforniment kif ukoll għall-irriċarġjar, u tkun tista' tisfrutta bis-sħiħ l-awtomatizzazzjoni u d-data. L-għanijiet aħħarin tal-miżuri li jeħtieġ li nieħdu huma ċari: nappoġġaw l-industrija tagħna u l-poplu tagħha, innaqqsu d-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet tagħna, u nitfgħu lis-settur fit-triq lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tat-tranżizzjonijiet doppji sostenibbli u diġitali. Jeħtieġ ikun hemm oġġettivi simili għall-industrija tal-ajrunawtika, għall-industrija ferrovjarja u għall-industrija marittima u tal-bini tal-bastimenti. Se naħdem mal-membri rilevanti kollha tal-Kulleġġ tal-Kummissarji biex nikseb dan bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa.

Trasformazzjoni sostenibbli mhux biss se tkun teħtieġ azzjoni b'appoġġ għall-baġi industrijali tagħna. Se tkun teħtieġ ukoll azzjoni biex il-mobbiltà sostenibbli tkun għażla affordabbli u aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha. F'dan ir-rigward, se nappoġġa l-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali għall-Klima u se nħejji gwida dwar il-faqar tat-trasport. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se naħdem mal-Kummissarji l-oħra, mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew biex nipromwovi inċentivi xierqa ħalli l-konsumaturi u n-negozji jixtru vetturi elettriċi Ewropej. F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, se niżviluppa proposti għal flotot korporattivi nodfa biex tiġi stimolata d-domanda.